**29 ta' Jannar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Philip Andrew Ransley *et*

*versus*

Emanuel Coleiro *et noe*

## Interess Ġuridiku - Rekwiżiti - Relazzjoni mhux Kontrattwali

*Skond il-ġurisprudenza huwa ormai paċifiku li l-interess ġuridiku għandu jkun attwali, jiġifieri li għandu jkun jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni u li jkun konkret, personali u sussistenti di fronte għall-konvenut magħżul bħala leġittimu kontradittur tad-domanda għaliex anke għall-konvenut l-interess huwa l-miżura ta' l-eċċezzjoni.*

*Ir-rapport ġuridiku li jista' jagħti lok għall-azzjoni mhux neċessarjament ikun kontrattwali iżda tista' temani ukoll* ex lege.

Il-Qorti:-

Minn din is-sentenza in parte tal-Qorti tal-Kummerċ tat-28 ta' Frar, 1994 qed jappellaw biss l-atturi, il-konjuġi Umberto u Paola Marchetti li fil-konfront tagħhom biss il-konvenuti ġew illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentata fil-21 ta' April, 1993 li bih l-atturi fil-kwalità tagħhom hawn fuq imsemmija - premessi d-disposizzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

*Omissis*;

Talab li din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi li d-drittijiet komuni ta' l-appartamenti tal-blokk 144, Triq it-Torri, tas-Sliema ma ġewx kompleti skond kif il-konvenuti *nomine* obbligaw ruħhom li jagħmlu a tenur tal-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard tal-31 ta' Lulju, 1989 u ta' l-4 ta' Mejju, 1990 u tat-28 ta' Settembru, 1989, fl-atti tan-Nutar Dottor John Bisazza u għadhom mhux hekk kompletati sa llum;

*Omissis*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* ppreżentata fil-11 ta' Ġunju, 1993 li biha eċċepew:

*Omissis*;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat illi b'verbal tad-9 ta' Novembru, 1993 il-Qorti ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine*;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti *nomine* relattivament għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet tagħhom u n-nota responsiva ta' l-atturi;

Ikkunsidrat:

Illi dik il-Qorti sejra tikkunsidra t-tlett eċċezzjonijiet tal-konvenuti li dwarhom sejra tingħata din id-deċiżjoni fl-ordni li fiha ngħataw;

L-ewwel eċċezzjoni hija illi l-atturi m'għandhom l-ebda rapport kontrattwali u konsegwentement l-ebda rapport ġuridiku ma' l-atturi Umberto u Paola konjuġi Marchetti. Dwar din l-eċċezzjoni, il-Qorti kkunsidrat:

Illi fiċ-ċitazzjoni attriċi mhuwiex spjegat dettaljatament kif l-atturi Umberto u Paola konjuġi Marchetti għandhom xi relazzjoni speċifika mal-konvenuti *nomine*, iżda jidher illi huma qegħdin jitqiegħdu bħala atturi fl-istess posizzjoni bħal ma huma l-atturi l-oħrajn;

Mill-kuntratti esebiti jirriżulta illi saru tliet kuntratti separati ta' bejgħ appartamenti in kwistjoni u ċjoè wieħed a favur ta' l-attur Philip Andrew Ransley b'kuntratt tan-Nutar Dottor Pierre Attard tal-31 ta' Lulju, 1989, ieħor a favur ta' Ann Constance u Doctor Malcolm Shackleton Illingworth, ukoll fl-atti tan-Nutar Pierre Attard b'kuntratt datat 4 ta' Mejju, 1989 u t-tielet wieħed lil Joseph Grech Sant *nomine* b'kuntratt in atti Nutar Dottor Victor John Bisazza tat-28 ta' Settembru, 1989;

Sussegwentement u preċiżament kif jidher mid-dokument

"B" esebit maċ-ċitazzjoni fit-28 ta' Frar, 1991 sar kuntratt ta' trasferiment bejn l-istess Grech Sant *nomine* u Umberto Marchetti u martu Paola Marchetti;

Jidher illi l-konvenuti bdew proċeduri esekuttivi kontra t-tlett atturi Ransley, Illingworth u Grech Sant u dan biex jitħallsu tal-bilanċi rimanenti mill-prezz skond il-kuntratti. Sussegwentement sar ir-rikors għall-bejgħ in subbasta ta' l-istess appartamenti billi dawn l-appartamenti jiffurmaw garanzija għall-kreditu dovut lill-konvenuti;

Jidher ukoll illi l-konvenuti ma għamlu l-ebda azzjoni kontra l-konjuġi Marchetti billi l-istess konjuġi Marchetti, kif jirritjenu l-konvenuti, m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika ma' l-istess konvenuti inkwantu l-bilanċ dovut fuq l-appartament partikolari qiegħed jintalab mingħand l-attur Grech Sant;

Dina l-Qorti kkunsidrat ulterjorment:

Illi effettivament ikun kontrosens illi l-konvenuti jippretendu l-bilanċ tal-prezz doppjament mingħand l-attur Grech Sant *nomine* u anke mingħand il-konjuġi Marchetti;

Jidher illi meta l-appartament ġie trasferit minn Grech Sant *nomine* għal Marchetti ma tħallasx il-bilanċ dovut, però dan ċertament għandu jiġi rifless fir-relazzjoni kontrattwali bejn Grech Sant *nomine* u Marchetti u mhux bejn Marchetti u l-bejjiegħa oriġinali ta' l-appartament jiġifieri l-konvenuti;

Issa fiċ-ċitazzjoni odjerna dak illi qed jitolbu l-atturi kollha u partikolarment għall-finijiet tal-punt li qiegħed jiġi diskuss issa, l-atturi Umberto u Paola konjuġi Marchetti, huwa illi l-Qorti tiddeċidi illi ċertu partijiet mill-istess blokk ta'

appartamenti ghadhom mhux kompletati, illi xi partijiet ohra komuni ma sarux skond l-ispeċifikazzjonijiet miftehma kif ukoll ma sarux skond is-sengha u l-arti u l-Qorti ġiet mitluba biex konsegwentement tiddikjara u tiddeċidi illi l-krediti pretiżi mill-konvenuti *nomine* huma intempestivi. Hemm imbaghad talbiet ohra konsegwenzjali ghal din id-dikjarazzjoni;

Minn dan jidher illi l-konjuġi Marchetti qeghin jitolbu dikjarazzjonijiet illi ċertament ma jispettawx lilhom inkwantu huma ma ghandhom l-ebda relazzjoni kontrattwali mal-konvenuti, li qatt ma ntrabtu a favur taghhom illi jikkompletaw il-partijiet komuni jew jikkompletawhom b'ċertu mod;

Inoltre t-talbiet konsegwenzjali, ċjoè d-dikjarazzjonijiet relattivi ghat-tliet subbasti 73/92, 75/92 u 80/92 bl-ebda mod ma jikkonċernaw lill-konjuġi Marchetti, però jikkonċernaw biss lil Grech Sant, Ransley u Illingworth;

Il-Qorti ghalhekk tara li hija sostenibbli l-eċċezzjoni tal-konvenuti fil-konfront ta' l-atturi Umberto u Paola konjuġi Marchetti u konsegwentement il-Qorti qieghda tilqa' din l-eċċezzjoni;

*Omissis*;

L-appellanti Marchetti hekk jidentifikaw l-aggravju taghhom ghal din is-sentenza li in effetti harġithom - bhala atturi - 'il barra minn din il-kawża:

"L-appellanti fil-fatt isostnu li ghandhom relazzjoni ġuridika mal-konvenuti appellati ghax bil-proċeduri tas-subbasta li huma fethu u ċjoè numru 73/92 fl-ismijiet **Emanuel Coleiro** *et noe vs* **Joseph Grech Sant** *et* neċessarjament jinvolvu lill-atturi appellanti stante li ntalab il-bejgh bis-

subbasta ta' l-appartament proprjetà tagħhom li huma akkwistaw b'kuntratt tat-28 ta' Frar, 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor Bisazza;

Dak li qed jesiġu l-konvenuti appellati mhuwiex is-sempliċi ħlas ta' debitu *dovut lilhom* minn Vermar Investments Limited, imma l-bejgħ tal-proprjetà li Vermar Investments Limited kienet biegħet lill-atturi appellanti;

Barra minn hekk id-drittijiet u obbligi kontrattwali li s-soċjetà konvenuta appellata kellha ma' Vermar Investments Limited, *ġew trasferiti lill-konjuġi* Marchetti mal-vendita ta' l-appartament u l-ispazju tal-garaxx f'144, Triq it-Torri, tas-Sliema u stante li dawn huma d-drittijiet reali u mhux personali, dawn setgħu jiġu transferiti lill-konjuġi Marchetti u neċessarjament inħolqu relazzjoni ġuridika bejn l-atturi appellanti Marchetti u l-konvenuti appellati;

Inoltre l-proċeduri tas-subbasta stess u ċjoè is-subbasta numru 73/92 fl-ismijiet **Emanuel Coleiro** ***noe vs*** **Joseph Grech** ***et*** juru biċ-ċar illi l-esekuzzjoni ta' dak li jippretendu li l-konvenuti appellati għandhom jieħdu mis-soċjetà Vermar Investments Limited hija esiġibbli u ggarantita minn proprjetà tal-konjuġi Marchetti u għalhekk *ġaladarba qed jingħad* li huma jistgħu ibiegħu l-proprjetà tagħhom bis-subbasta, wieħed ma jistax jifhem għaliex l-atturi appellanti ma jistgħux jitolbu l-esekuzzjoni ta' l-obbligi kollha naxxenti mill-kuntratt tat-28 ta' Settembru, 1989 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza li ġew trasferiti lill-atturi appellanti bil-kuntratt tat-28 ta' Frar, 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor John Bisazza";

Għandu qabel xejn jiġi preċiżat punt ta' fatt li hu vitali u li ma jirriżultax sewwa apprezzat fis-sentenza appellata. L-Ewwel Qorti infatti ddikjarat illi jidher ukoll illi l-konvenuti ma għamlu

ebda azzjoni kontra l-konjuġi Marchetti, kif jirritjenu l-konvenuti, ma għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika magħhom inkwantu l-bilanċ fuq l-appartament li fih huma interessati qiegħed jintalab mingħand l-attur Grech Sant;

Dan mhux għal kollox preċiż. Infatti jirriżulta mill-atti tas-subbasta provokati mis-soċjetà konvenuta appellata għall-bejgħ tal-fond minnha oriġinarjament mibjugħ lis-soċjetà Vermar Investments Limited għall-ħlas ta' debitu allegatament minnha lilha dovut, li s-soċjetà appellata qed taġixxi ukoll kontra Umberto Marchetti għal kull interess li jista' jkollu;

Din is-subbasta ġġib in-numru 73/92 li hi parti mill-meritu tar-raba' talba ta' l-atturi, inklużi allura l-konjuġi Marchetti fil-preżenti istanza. Talba li biha qed tintalab id-dikjarazzjoni li l-proċeduri ta' dik is-subbasta "huma nulli u inattendibbli" u dana minħabba allegata intempestività tas-soċjetà appellata;

Minn dawn il-fatti waħedhom allura, għandu jirriżulta ovvju l-interess ġuridiku tal-konjuġi Marchetti li jipproponu din l-azzjoni biex jiġu annullati proċeduri tentati mis-soċjetà konvenuta appellata anke kontra tagħhom (u dana anke jekk għall-preċiżjoni ingħad li tali proċeduri ġew istitwiti biss kontra r-raġel Umberto Marchetti) għax ovvjament għandhom kull dritt li jaġixxu biex jiġu meħlusin mill-involviment li l-istess konvenuti *nomine* addebitawlhom f'dawk il-proċeduri anke jekk biss safejn kellhom interess;

Sewwa ukoll jiġi stabbilit bħala fatt illi fil-kuntratt tat-28 ta' Frar, 1991 li bih il-konjuġi Marchetti akkwistaw il-fond mingħand Grech Sant *nomine*, din is-soċjetà obbligat ruħa fil-konfront tal-kompraturi u bħala kondizzjoni tal-bejgħ u bħala parti mill-korrispettiv għall-prezz (li bilanċ minnu kien għad irid jitħallas) li jiġu esegwiti ċertu xogħlijiet il-partijiet komuni

skond ma ġie fl-istess kuntratt speċifikat. Importanti li fir-rigward ta' dawn ix-xogħlijiet jiġi sottolinejat illi l-kuntratt mhuwiex jistipula forma ta' *locatio operis* versu l-pagament ta' ammont miftiehem għax-xogħol li kellu hekk jiġi esegwit indipendentement mit-trasferiment ta' l-immobbli in vendità. Kien, għall-kuntrarju, jistipula obbligazzjoni li s-soċjetà venditriċi kellha tissodisfa bħala kondizzjoni tat-trasferiment;

Jirriżulta ukoll mill-atti li din l-obbligazzjoni li Joseph Grech Sant *nomine* assuma fil-konfront tal-konjuġi Marchetti hija identika għal dik li s-soċjetà konvenuta appellata M.M.C. Ltd. assumiet fil-konfront ta' l-istess soċjetà Vermar Industrials Limited rappreżentata mill-istess Joseph Grech Sant meta din xtrat il-fond oriġinarjament mingħandha b'kuntratt fl-atti tat-28 ta' Settembru, 1989. Anke f'dan il-każ din l-obbligazzjoni kif kontenuta fil-klawsola 13 ta' dak il-kuntratt kienet kondizzjoni tal-kuntratt ta' komprovendita u mhux forma ta' kuntratt ta' *locatio operis*;

Konsegwentement l-inadempjenza tagħha - skond ma jirritjeni l-kompratur Joseph Grech Sant *nomine* - kienet tiġġustifika in non-pagament mid-debitur kompratur tal-bilanċ tal-prezz li kien għadu, skond l-istess kuntratt, dovut. Hi allura valida s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi huma għandhom kull interess li jkunu parti fil-kawża li hi mmirata u diretta biex tassigura illi l-obbligazzjoni li s-soċjetà venditriċi ta' l-awtur tagħhom assumiet fil-konfront ta' dan u tal-fond lilu mibjugħ tiġi osservata u esegwita biex b'hekk ikun ukoll sodisfatt l-obbligu li l-awtur tagħhom assuma fil-konfront tagħhom. *Debitor debitoris mei est meus debitor.* Anke jekk dan b'mod indirett u mhux dirett;

L-interess ġuridiku tal-konjuġi Marchetti jirriżulta ukoll evidenti mill-fatt illi għalkemm hu minnu illi s-soċjetà appellata

qed taġixxi direttament kontra s-soċjetà Vermar Investments Limited u mhux kontra tagħhom għall-bilanċ tal-prezz dovut, tali bilanċ hu garantit bi privileġġ u ipoteka speċjali fuq il-fond li tiegħu tali bilanċ jirappreżenta parti mill-prezz u liema fond hu attwalment ta' proprjetà tagħhom. Infatti s-soċjetà appellata fil-proċeduri tas-subbasta ta' l-istess fond kienet qed tipprovoka l-bejgħ tiegħu bil-konsegwenzjali riskju li l-appellanti jiġu minnu evitti. Hu ukoll ovvju illi fil-pessima ipotesi għalihom, l-istess appellanti jibqgħu jkunu tenuti u anzi kostretti illi jaffrontaw *de proprio* il-ħlas tal-bilanċ pretiż mis-soċjetà venditriċi konvenuta bil-valur ta' l-immobbli biex jassiguraw li ma jiġux disturbati fil-paċifiku pussess ta' l-istess fond. Dan billi eventwalment iħallsu d-dejn ta' l-awtur immedjat tagħhom. Ċertament allura kellhom kull interess ġuridiku li jikkontestaw il-pretensjonijiet tas-soċjetà konvenuta għall-pagament tal-bilanċ reklamat. Interess, li fil-verità ġie rikonoxxut mill-istess soċjetà proprju bil-fatt li din iċċitat lir-raġel bħala parti fil-proċeduri tas-subbasta proprju għall-interess li jista' jkollu;

Tikkunsidra ulterjorment:

Il-liberazzjoni tal-konvenuti *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tal-konjuġi Marchetti setgħet biss tiġi ġustifikata minn kostatazzjoni parallela illi l-istess konjuġi Marchetti ma kellhomx interess ġuridiku li jintavolaw l-azzjoni kontra l-istess soċjetà. L-Ewwel Qorti irriteniet - fil-fehma ta' din il-Qorti żbaljatament - illi l-konjuġi Marchetti qegħdin jitolbu dikjarazzjonijiet illi ċertament ma jispettawx lilhom "inkwantu ma għandhom l-ebda relazzjoni kontrattwali mal-konvenuti, li qatt ma ntrabtu a favur tagħhom illi jikkompletaw il-partijiet komuni jew jikkompletawhom b'ċertu mod". Irriteniet ukoll - u dana aktar żbaljatament - illi t-talbiet konsegwenzjali u ċjoè d-dikjarazzjoni relattiva għas-subbasta tal-fond illum proprjetà tal-konvenuti Marchetti, bl-ebda mod ma kienu jikkonċernawhom imma kienu biss jikkonċernaw lill-

awtur tagħhom;

Il-finalità tal-preżenti istanza hu li jiġi ddikjarat li l-atti tas-subbasta huma nulli u inattendibbli minħabba l-intempestività da parti tas-soċjetà venditriċi konvenuta li tirreklama l-ħlas tal-bilanċ minnha pretiż meta hi stess kienet kontrattwalment inadempjenti. Ċertament l-appellanti għandhom kull dritt li jikkontestaw atti ta' subbasta li ġew intavolati mill-kreditur anke kontra tagħhom għall-interess li jista' jkollhom u li jinfiċjawhom għal kull raġuni li tista' tirrendihom nulli jekk ir-raġuni hi tali li tista' tolqot jew anke jekk biss tipposponi l-garanzija li *l-proprjetà llum* tagħhom kienet tagħmel għall-ħlas tal-bilanċ reklamat;

Ir-relazzjoni ġuridika li tista' tagħti *locus standi* lill-appellanti bħala leġittimi kontradittturi tas-soċjetà appellata mhux neċessarjament tkun kontrattwali. Tista' ukoll tkun - kif żgur hi fil-każ in eżami - relazzjoni li *temani ex lege* u li tirriżulta - apparti aspetti oħra - anke mill-fatt biss illi l-appellati *nomine* kienu qed jittantaw ibiegħu l-immobbli proprjetà tagħhom, milquta kif inhi bil-privileġġ u l-ipoteka speċjali li jaggravawha. Sewwa jingħad ukoll li għall-fini ta' din l-azzjoni huwa biżżejjed illi jiġi identifikat in ness ġuridiku bejn l-atturi, il-konjuġi Marchetti u s-soċjetà konvenuta *fir-rigward* anke ta' waħda biss mid-diversi talbiet tagħhom u mhux neċessarju illi tali rabta tirriżulta fir-rigward tat-talbiet kollha. *Multo magis* f'azzjoni kumulattiva tax-xorta li qed tiġi tentata minn diversi atturi u li hi intavolata b'mod li r-rimedji mitluba mill-Qorti mhumiex l-istess għall-atturi kollha, anzi huma ta' xorta u valuri differenti. Mhux allura sostenibbli l-konsiderazzjoni tas-soċjetà appellata illi "effettivament ikun kontrosens illi l-konvenuti jippretendu l-bilanċ tal-prezz doppjament mingħand l-attur Grech Sant *nomine* u anke mingħand il-konjuġi Marchetti". Dan għaliex hu ċar li s-soċjetà venditriċi għandha biss jedd għall-ħlas tal-bilanċ għal darba

waħda biss, imma tali bilanċ tista' tesiġih kemm mingħand il-kompratur oriġinali, li miegħu kkontrattat u li lilu biegħet il-fond, kif ukoll mingħand il-konjuġi Marchetti li huma l-proprjetarji tal-fond u li huma bil-liġi marbuta li jiggarantixxu l-ħlas tal-bilanċ tal-prezz bl-istess proprjetà. L-istess appellanti - kif qalet l-Ewwel Qorti - ma jistgħux jippretendu li għandhom dritt jesiġu mingħand is-soċjetà konvenuta appellata li din tosserva l-obbligazzjonijiet kontrattwali li għandha ma' l-awtur tagħhom, imma ċertament għandhom kull jedd li jirreżistu kull talba għall-pagament tal-bilanċ minnhom pretiż jekk jirriżultalhom li s-soċjetà venditriċi kienet inadempjenti fl-obbligazzjonijiet kontrattwali tagħha li minnhom il-ħlas tal-bilanċ jiddependi. Anke jekk tali obbligazzjonijiet is-soċjetà kreditriċi tkun ikkontrattathom ma ħaddieħor u mhux magħhom;

Ma hemmx dubbju allura li l-azzjoni kif proposta mill-appellanti hi kapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġjuż u utili għalihom. Dan hu rekwiżit essenzjali ta' l-interess ġuridiku li jeħtieġ li jkun attwali kif jiddefinih il-Mortara "*la utilità finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto*" (Vol. LXXV, pt. II, p. 386). Hu ukoll stabbilit li min jipproponi kawża għandu jkollu mhux biss interess fl-eżitu tagħha, imma dan l-interess għandu jkun jissussisti di fronte għall-konvenut (Vol. LXXVI, pt. II, p. 246 u l-każistika hemm ċitata). Hu difatti minn dan il-prinċipju tal-kontestazzjoni ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut ta' vjolazzjoni ta' dritt lilu spettanti jew ta' theddid ta' vjolazzjoni ta' tali dritt li tinħoloq ir-relazzjoni ġuridika li tirradika l-azzjoni kontra l-konvenut u tindikah bħala l-leġittimu kontradittur ta' l-attur;

"L-interess jeħtieġ biss li jkun ta' natura ġuridika jiġifieri li jkun jikkorrispondi għal-leżjoni ta' dritt ... u lanqas hu meħtieġ li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt vera u proprju imma hu biżżejjed li l-eżistenza tad-dritt tkun minaċċjata" (Vol.

XXXVI, pt. II, p. 532);

"Huwa ormai paċifiku illi (a) l-interess ġuridiku għandu jkun attwali, jiġifieri li għandu jkun jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni, u (b) illi l-interess jeħtieġ li jkun konkret, personali u sussistenti di fronti għall-konvenut magħżul bħala leġittimu kontradittur tad-domanda, għaliex anke għall-konvenut l-interess huwa l-miżura ta' l-eċċezzjoni" (Vol. XLI, pt. II, p. 1051);

Tali interess naxxenti minn relazzjoni ġuridika tirriżulta ampjament fil-każ in eżami kif fuq analizzat u din il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mas-sentenza appellata illi l-appellanti huma għal kollox estraneji għall-meritu ta' l-azzjoni kif minnhom proposta kontra l-appellati *nomine*, jew li dawn ta' l-aħħar kellhom jiġu f'dan l-istadju bikri tal-kawża u a prioristikament liberati mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront ta' l-atturi konjuġi Marchetti biss fuq il-bażi li ma kellhom l-ebda rapport kontrattwali magħhom. Eċċezzjoni milqugħa li hi però żbaljatament fondata fuq il-presuppost illi hu biss minn rapport kontrattwali li jista' jitnissel ir-rapport ġuridiku li jista' jagħti lok għall-azzjoni;

Għal dawn il-motivi s-sentenza appellata qed tiġi revokata inkwantu ċaħdet (*sic*) f'dan l-istadju l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine* u tiġi kkonfermata għall-bqija;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenuti *nomine*. L-atti jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.